# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 9 ta' Mejju, 2022

**Kawża Nru. 11**

**Rik. Nru. 76/2020ISB**

**Avv. Cedric Mifsud a nom u in rappreżentanza ta' Commercial Aviation Services LLC bl-indirizz PO BOX 521605, Miami, FL 33172, United States of America**

**vs**

**HI FLY Limited (C-59107)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **l-Avv. Cedric Mifsud a nom u in rappreżentanza ta' Commercial Aviation Services LLC** pprezentat fis-17 ta' Novembru 2020, li permezz tiegħu huwa talab lil din il-Qorti sabiex:

1) *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' intimata m'hijiex f'qagħda li tħallas id-djun tagħha ai termini ta' l-Artikolu 214 (2) (a) (ii) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2) *Tiddikjara u tiddeċiedi illi jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tas-soċjeta' intimata ai termini ta' l-artikolu 214 (2) (b) (iii) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3) *Taħtar minnufih fil-mori ta' dawn il-proċeduri amministratur proviżorju sabiex jamministra l-affarijiet tas-soċjeta' intimata u dan taħt u skond id-dispożizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha opportun li tagħti;*

4) *Tordna x-xoljiment u l-istralċ konsegwenzjali tas-soċjeta' intimata a tenur ta' l-Artikolu 214 (2) (a) (ii) u/jew l-Artikolu 214 (2) (b) (iii) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5) *Tagħti kull provvediment opportun sabiex jinħatar stralċarju u jiġi kondott l-istralċ konsegwenzjali tas-soċjeta' intimata ai termini tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjeż u b'riżerva għal kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjeta' esponenti inter alia ai termini tal-artikoli 303, 315 u 316 tal-Att dwar il-Kumpanniji, Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta.*

U dan wara illi ppremetta:

1) *Illi l-esponenti huwa kreditur tas-soċjeta' intimata fl-ammont ta' erba mija, sitta u disghin elf, tlett mija u tmienja u tmenin Euro (€496,388) oltre l-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż ġudizzjarji u dan in forza ta' titolu eżekuttiv ottjenut bis-saħħa ta' sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla fl-ismijiet* ***Avv. Cedric Mifsud a nom u in rappreżentanza ta' Commercial Aviation Services LLC bl-indirizz PO BOX 521605, Miami, FL 33172, United States of America v. HI FLY Limited (C-59107)*** *deċiża nhar il-hmistax (15) ta' Settembru 2020 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A).*

2) *Illi l-proceduri hawn fuq imsemmija saru permezz tal-procedura tal-giljottina ai termini ta' tal-Artikoli 167 et sequitur tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-socjeta ntimata ma resqietx sabiex tiddenfendi l-posizzjoni taghha u ghalhekk il-Qorti ghaddiet sabiex taghti s-sentenza taghha minnufih. Din is-sentenza ma gietx appellata entro t-terminu stipulat mil-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentament din is-sentenza hija res judiciata.*

3) *Illi sa llum is-soċjeta' intimata għadha ma ħallset xejn mill-imsemmija sorte, imgħax u spejjeż ġudizzjarji.*

4) *Illi kif ser jiġi provat waqt is-smiegħ ta' dawn il-proċeduri is-soċjeta' intimata ma tistax tħallas id-djun tagħha u l-esponenti tifhem li l-istess soċjeta' intimata hija insolventi inter alia ai termini tal-Artikolu 214 (2) (a) (ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji, Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta b'applikazzjoni tla-Artikolu 214 (5) (b) tal-istess Att.*

5) *Illi is-soċjeta' intimata m'hijiex qiegħda topera skond il-Liġi u dan għaliex minkejja li l-kumpanija ġiet reġistrata fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar, elfejn u tlettax (2013), l-istess naqset milli qatt tippreżenta audited accounts lir-Reġistratur tal-*

*Kumpannija fi ħdan il-Malta Business Registry, għajr għall-audited accounts għas-sena finanzjarja tal-elfejn u tlettex (2013), liema audited accounts gewipprezentati seba snin wara u cioe fit-tmienja (8) ta'April 2019 (Vide Dok. B).*

6) *Illi mill-audited accounts għas-sena finanzjarja tal-elfejn u tlettex (2013) l-unika profit li ghamlet ghal dik is-sena kienet ta' wiehed u sittin elf, mitejn tmienja u tlettin (€61,238). Ghalhekk il-kreditur ta' l-esponenti nominee jcedi bil-kbir l-unika profitt li huwa rrekodjat mill-socjeta ntimata.*

7) *Illi inoltre l-esponenti nominee kien hareg mandat ta'sekwestru kawtelatorju fuq l-imsemmija socjeta ntimata, fil-konfront ta'diversi banek u awtoritajiet. Minkejja dan, dawn il-banek u awtoritajiet ma ddepozitaw l-ebda flejjes li setghu jappartjenu lis-socjeta ntimata. Din fiha nnifisha hija turija li lis-socjeta ntimata m'ghandha l-ebda flejjes li jappartjenu lilha.*

8) *Illi Sergio Manuel Pereira Trindade Bagorro huwa d-Direttur li ilu jikkontrolla s-socjeta ntimata minn meta giet rregistrata. Ghalhekk, huwa responsabbli ghal diversi nuqqasijiet li waslu s-socjeta sabiex tkun f'din il-posizzjoni llum.*

9) *Illi l-esponenti nominee jissottometti li dawn in-nuqqasijiet, flimkien ma' nuqqasijiet oħra fit-treġija tas-soċjeta' intimata huwa l-pern tal-vertenza bejn il-partijiet u liema nuqqasijiet ser jiġu ippruvati tul it-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri saru u għadhom qegħdin isiru bl-iskop li b'hekk is-soċjeta' intimata teludi l-obbligi tagħha skond il-Liġi.*

10) *Illi ix-xoljiment tas-soċjeta' intimata huwa rikjest miċ-ċirkostanzi premessi f'dan ir-rikors, liema ċirkostanzi huma wkoll serji u gravi ai termini tal-Artikolu 214 (2) (b) (iii) tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Novembru 2020 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-4 ta' Frar 2021.

Rat illi fit-30 ta' Novembru 2020 kien notifikat bl-atti ir-Registratur tal-Kumpanniji.

Rat illi fit-18 ta' Dicembru 2020 is-socjeta' intimata HI FLY Limited ressqet l-quddiem ir-Riposta taghha, fejn qalet hekk:

1. *Illi s-socjeta' esponenti topponi bil-qawwa ghat-talbiet rikorrenti, li ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom bhala infondati fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Illi qabel xejn jigi rilevat li t-titolu ezekuttiv vantat u citat mis-socjeta' rikorrenti fir-rikors promotur, ossia s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civli nhar il-15 ta' Settembru 2020 fl-ismijiet Avv. Cedric Mifsud a nom u in rapprezentanza ta' Commercial Aviation Services LLC bl-indirizz PO BOX 521605, Miami, FL 33172, United States of America vs HI FLY Limited (Rik. Nru. 655/2020 GM), qed jigi kkontestat permezz ta' kawza ghal ritrattazzjoni intavolata mis-socjeta' esponenti fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti Commercial Aviation Services LLC*

*kif rapprezentata minn Dr. Cedric Mifsud (vide Dok. A anness), oltre li fl-atti tal-istess kawza giet intavolata wkoll talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-istess sentenza citata (vide Dok. B anness);*

3. *Illi kif tajjeb rilevat is-socjeta' rikorrenti, t-titolu ezekuttiv fuq citat gie minnha ottjenut permezz tal-procedura tal-giljottina ai termini tal-Artikoli 167 et seq tal-Kap. 12 u s-socjeta' esponenti ma deheritx ghas-seduta mizmuma ghal dan il-ghan u lanqas m'appellat ghall-istess sentenza, pero' dan kollu sehh in kwantu s-socjeta' esponenti ma kienetx notifikata bl-istess proceduri ai termini tal-ligi. Dan hu l-pern tal-azzjoni ghal ritrattazzjoni mressqa mis-socjeta' esponenti kif jirrizulta mill-kopja tar-rikors guramentat hawn anness bhala Dok. A;*

4. *Illi naturalment is-socjeta' esponenti ma hallsitx u mhix bi hsiebha thallas l-ammont reklamat mis-socjeta' rikorrenti in kwantu tali pretensjoni se tigi fortement ikkontestata fil-mertu f'kaz li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili tilqa' t-talba tas-socjeta' esponenti ghall-annullar tas-sentenza in kwistjoni u ghar-ritrattazzjoni tal-kawza;*

5. *Illi ghalhekk hu dubjuz f'dan l-istadju jekk is-socjeta' rikorrenti ghandhiex il-locus standi mehtieg biex tressaq l-procedura odjerna ai termini tal-Artikolu 218 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

6. *Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, assolutament m'huwiex minnu li s-socjeta' esponenti ma tistax thallas id-djun taghha u/jew li s-socjeta' esponenti hi insolventi. Fil-fatt, kif jirrizulta mir-rapport annwali tas-socjeta' esponenti ghas-sena 2019 (kopja annessa bhala Dok. C) u kif se jirrizulta ampjament waqt is-smiegh tar-rikors, is-socjeta' esponenti ghandha total equity ta' 'l fuq minn tmienja u ghoxrin miljun Ewro (€28,000,000). Ghalhekk, altru li s-socjeta' esponenti ma tistax thallas id-djun taghha jew li hi insolventi, kif ghogobha tallega s-socjeta' rikorrenti;*

7. *Illi b'zieda ma' dak li jinghad fir-rapport annwali msemmi, dejjem minghajr ebda pregudizzju u minghajr ebda qbil jew accettazzjoni fir-rigward tal-kreditu pretiz mis-socjeta' rikorrenti, izda semplicement sabiex tipprova u tissodisfa lil din l-Onorabbli Qorti li m'ghandha l-ebda problemi ta' solvenza, s-socjeta' esponenti hi disposta, fuq Ordni ta' din l-Onorabbli Qorti jekk jidhrilha li hu xieraq u mehtieg, tiddepozita s-somma intiera reklamata mis-socjeta' rikorrenti fir-Registru tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, in kawtela tal-kreditu pretiz mis-socjeta' rikorrenti, sa kemm jigi kkonfermat o meno t-titolu ezekuttiv vantat mis-socjeta' rikorrenti;*

8. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' esponenti qeghda fil-prezent tirregola ruha fir-rigward tal-audited accounts li ghandhom jigu sottomessi lir-Registratur tal-Kumpanniji f'Malta, pero' fi kwalunkwe kaz tali nuqqas ma jimpingix fuq is-solvenza o meno tas-socjeta' esponenti;*

9. *Illi ghalhekk, u kuntrarjament ghal dak allegat mis-socjeta' rikorrenti, l-posizzjoni tas-socjeta' esponenti llum mhix ta' ostaklu ghall-hlas tal-ammont reklamat mis-socjeta' rikorrenti, dejjem jekk dan jirrizulta dovut, liema pretensjoni, kif gia inghad, hi fortement ikkontestata mis-socjeta' esponenti;*

10. *Illi ghalhekk lanqas m'hu minnu li s-socjeta' esponenti qeghda teludi l-obbligi taghha skont il-ligi, kif tallega s-socjeta' rikorrenti;*

11. *Illi kwindi ma jirrizultaw l-ebda cirkustanzi serji u gravi ai termini tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta kif allegat mis-socjeta' rikorrenti;*

12. *Illi ghaldaqstant it-talbiet kollha rikorrenti ghandhom jigu michuda.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Frar 2021 minn fejn jirrizulta illi din il-Qorti dderigiet lill-partijiet jittrattaw ir-Rikors mressaq fid-dawl tal-provvedimenti tal-Avviz Legali 373/2020.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Settembru 2021 l-attur ressaq nota bi provi dokumentali u hadet konjizzjoni tal-istess dokumenti hemmek esebiti.

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2021 l-attur noe ressaq nota ohra bi provi dokumentali u l-istess ghamel id-difensur tas-socjeta` intimata – liema provi dokumentali l-Qorti hadet konjizzjoni taghhom.

Rat illi b'nota tas-17 ta' Novembru 2021, is-socjeta' konvenuta ressqet il-provi dokumentali finali taghha, liema dokumenti il-Qorti hadet konjizzjoni taghhom.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2022, id-difensuri tal-partijiet ttrattaw dak minnhom mitlub mill-Qorti u l-kawza thalliet ghall-lum ghall-provvediment fir-rigward ta' dak verbalizzat u sollevat mill-istess Qorti fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2021.

Rat l-Avviz Legali 373 tas-sena 2020.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

**Ikkunsidrat**:

Jirrizulta, kemm mill-ewwel zewg premessi u kif mill-ewwel zewg talbiet, illi din l-azzjoni qed tittressaq ai termini tal-**Artikolu 214(2)(a)(ii)** u l-**Artikolu 214(2)(b)(iii)** tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tigi ordnata x-xoljiment u konsegwenti stralc tal-kumpannija kummercjali Maltija HI FLY Limited (C59107).

Illi fuq talba ta' din l-istess Qorti diversament preseduta, il-partijiet gew diretti jaghmlu l-prova tal-*prima facie* qabel ma l-Qorti tkun tista' tidhol fil-mertu, u dan a tenur tal-Artikolu 3(3) tal-Avviz Legali 373/2020.

**Illi ghalhekk dak li qed tghid il-Qorti f'dan il-provvediment mhux u ma ghandux jigi miftiehem jew interpretat illi l-Qorti dahhlet jew qed tesprimi ruha fuq il-mertu tal-vertenza, izda dak li qed hawnekk jinghad qed jinghad biss ghall-finijiet ta' dak hawnekk trattat u deciz b'mod parzjali.**

Illi l-**Artikolu 3 tal-Avviz legali 373/2020** ighid espressament hekk:

> *3. (1) The right granted under article 218 of the Act to any debenture holder, creditor or creditors to file for the dissolution and consequential winding up of a company in terms of article 214 of the Act is being suspended, and shall remain so suspended for a period of forty (40) days following an order of the Minister to lift such suspension.*
>
> *(2) Any action or proceeding in court for the dissolution and winding up of a company in terms of article 214 of the Act filed in the Registry of Courts and Local Tribunals by any debenture holder, creditor, or creditors on or after 16th March, 2020 shall be stayed for a period of forty (40) days following an order of the Minister to lift such a stay.*
>
> *(3) Notwithstanding the provisions of sub-regulations (1) and (2), the suspension or stay in terms of this regulation shall not prejudice the power of the Court to order the filing or hearing of applications in terms of article 214 and article 218 of the Act, whenever it is satisfied prima facie that the circumstances claimed in the application for winding up of the company arose prior to the 16th March 2020.*

Illi filwaqt illi jigi rilevat illi ma hemmx verzjoni ta' dan l-Avviz Legali bil-lingwa Maltija, jidher ukoll illi sal-llum dan l-Avviz Legali ghadu fis-sehh u ma tnehhiex. F'dan il-kuntest ukoll u fil-kuntest tar-raguni ghaliex gie pubblikat l-Avviz de quo imma ukoll ic-cirkostanzi prelevanti tal-llum, din il-Qorti ser tiehu l-okkazjoni b'din is-sentenza illi twassal il-messagg taghha sabiex l-Awtoritajiet kompetenti ihassru l-Avviz Legali 373/2020 u ukoll jirregolaw b'mod car u preciz il-proceduri ta' xjoljiment illi fil-frattempt setghu gew pprezentati nonostante dan l-Avviz Legali sabiex din il-Qorti ma jkolliex ghalfejn tinhela f'decizjonijiet u provvedimenti inutili.

Il-Qorti thoss illi filwaqt illi kien hemm ghan car ghaliex dan l-Avviz Legali gie pubblikat, u filwaqt illi kienet azzjoni f'waqtha u tajba da parti tal-Awtoritajiet koncernati meta gie pubblikat dan l-Avviz Legali, b'dana kollu il-mod kif illum hija gesitata il-pandemija tal-Covid19, partikolarment ukoll fl-isfond ta' kif adattat il-Qorti tal-Gustizzja u l-proceduri quddiemha u anke n-negozju f'pajjizna, il-Qorti jidhrilha illi l-Awtoritjiet koncernati ghandhom serjament jaraw jekk dan l-Avviz Legali ghandux jitnehha, inoltre` kif sar b'Avviz Legali ohra relatati ma' sospensjoni ta' proceduri u termini.

Il-Qorti thoss serjament illi dan l-Avviz Legali 373/2020 ma ghandux aktar siwi illum u thoss ukoll illi l-legislatur ghandu jara illi l-ligi tissana minghajr il-bzonn u l-htiega ta' decizjonijiet ta' din il-Qorti dawk il-proceduri ta' stralc kollha li gew intavolati fil-perjodu

illi kien fis-sehh dan l-Avviz Legali, u dan qed jinghad peress illi l-effetti tal-pandemija fuq in-negozju u l-andament taghhom u kif ukoll fuq il-proceduri legali u s-sospensjoni tal-ftuh tar-Registru tal-Qrati kien limitat u issa ormai sorpassat b'diversi xhur. Inoltre` fil-granet li ghaddew tnehhew il-mizuri kollha relattivi ghall-pandemija mill-Qrati ta' Malta.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi minn naha tieghu, ir-rikorrenti noe. jsostni illi filwaqt illi huwa minnhu illi dawn il-proceduri gew intavolati wara s-16 ta' Marzu 2020, b'dana kollu ir-rikorrenti noe. ressaq provi bizzejjed biex jissodisfa lill-Qorti, mqarr fuq livell *prima facie*, illi kien hemm cirkostanzi li huma msemmija fir-rikors promotur illi jipprevalu ghall-perjodu qabel Marzu 2020.

Jsostni illi fost dawn hemm il-fatt illi anke qabel Marzu 2020, il-kumpannija intimata ma kinitx *of good standing* peress illi kienet qed tonqos mill-obbligi taghha mar-regolatur Registratur tal-Kumpanniji u mar-regolatur responsabbli mill-hrug u z-zamma tal-licenzja (TM) li biha topera il-kumpannija intimata. Di piu`, il-kotba tal-kumpannija ma kienux qed jinzammu jew almenu jinzammu kif suppost u hija trattat mas-socjeta' rikorrenti meta hija kienet taf f'liema sitwazzjoni qeghda. Jsostni illi l-kumpannija intimata kienet ilha tmien snin *in default* u minkejja dan, b'abbuz, dahhlet fi ftehim kummercjali mas-socjeta` rikorrenti. Jghid illi dan wassal ghall-*claim* ta' nofs miljun Euro (illum kanonizzati) meta l-profitti tal-kumpannija fis-sena 2013 kien ta' wiehed u sittin elef Euro.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi s-socjeta` intimata minn naha taghha, tghid illi l-fatt illi kumpannija ma tkunx ghal kollox konformi mal-obbligi taghha mar-Registratur tal-Kumpanniji u ma' TM mhix fiha innifisha bazi sabiex titressaq azzjoni bhal din. Issostni illi s-socjeta' rikorrenti saret kreditur kanonizzat biss fil-15 ta' Settembru 2020 u allura ma kinitx f'posizzjoni illi tressaq dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi t-talbiet li qed iressaq ir-rikorrenti noe huma bbazat fuq zewg provvedimenti tal-ligi, ossia l-Artikolu 214(2)(a)(ii) u 214 (2)(b)(iii), tant illi l-ewwel zewg talbiet fir-rikors promotur, li jsegwu l-ewwel zewg premessi mressqa, jaqraw hekk:

1) *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' intimata m'hijiex f'qagħda li tħallas id-djun tagħha ai termini ta' l-**Artikolu 214 (2) (a) (ii) tal-Kap. 386** tal-Liġijiet ta' Malta;*

2) *Tiddikjara u tiddeċiedi illi jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tas-soċjeta' intimata ai termini ta' l-**artikolu 214 (2) (b) (iii) tal-Kap. 386** tal-Liġijiet ta' Malta;*

Illi l-**Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386** jitratta sitwazzjoni fejn ikun hemm allegazzjoni li *<u>il-kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha</u>* filwaqt illi l-**Artikolu 214(2)(b)(iii)** jitratta sitwazzjoni fejn *<u>il-qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija.</u>*

Illi fir-rigward tal-Artikolu 214(2)(a)(ii), trid bilfors issir referenza ghas-sub-inciz (5) tal-Artiklu 214 li jistupula zewg xenarji fejn kumpannija li taghha jkun qed jintalab l-istralc u x-xoljiment ghandha titqies illi ma tkunx tista' thallas id-dejn taghha.

Fl-ewwel lok meta *<u>id-dejn dovut mill-kumpanija jkun baqa' ma tħallasx għal kollox jew f'parti wara erbgħa u għoxrin ġimgħa mill-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv kontra l-kumpanija b'xi wieħed mill-atti eżekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;</u>*

u fit-tieni lok meta *<u>ikun ippruvat għas-sodisfazzjon tal-qorti li l-kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha, meta din tqis ukoll il-passiv kontinġenti u prospettiv tal-kumpanija</u>*.

Il-Qorti tqis illi fuq din il-bazi kif msejjsa ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386, il-Qorti ma tistghax tkun *prima facie* sodisfatta illi c-cirkostanzi li wasslu ghall-kawza odjerna sehhew tassew qabel id-data prefissa bl-Avviz Legali applikabbli. Il-Qoti tosserva biss illi huwa pacifiku jinghad illi l-kawza bejn il-kontendenti 655/2020GM giet deciza fil-15 ta' Settembru 2020 u ghaddiet in gudikat granet wara meta skada t-terminu tal-Appell u ma tressaqx Appell – certament cirkostanzi wara s-16 ta' Marzu 2020 kif irid l-Avviz Legali. Il-Qorti tapprezza dak sottomess mir-rikorrent noe meta ighid illi c-cirkostanzi li taw lok ghal claim gew qabel – imma minghajr ma wiehed jidhol f'wisq dettall, jinghad biss illi biex ir-rikorrent noe. seta' jintavola proceduri a termini tal-artikolu 214(2)(a)(ii) – kien necessarju t-titolu ezekuttiv, haga illi sas-16 ta' Marzu 2020, ir-rikorrenti noe ma kellux.

Fir-rigward tat-tieni bazi li fuqha hija msejjsa t-tieni talba fir-rikors promotur, b'dana kollu, il-Qorti tqis illi mill-provi prodotti mill-partijiet ghal fini ta' din il-materja hawnekk diskussa u deciza, hija tinsab sodisfatta illi *prima facie* jezistu cirkostanzi li jissemmew fir-rikors promotur qabel id-data prefissa bl-Avviz Legali applikabbli.

Ukoll minghajr ma tidhol f'wisq dettalji, u minghajr ma tesprimi ruhha dwar jekk kienx hemm ragunijiet gravi bizzejjed ghax-xoljiment jew le, mill-provi prodotti fuq livell prima facie, il-Qorti tqis illi jimmerita illi hija tara f'aktar dettall jekk jezistux tassew dawn ir-ragunijiet biex iwasslu ghax-xoljiment u konsegwenti stralc, illi fuq livell *prima facie*, jirrizultaw illi kienu jissussistu qabel is-16 ta' Marzu 2020.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk, il-Qorti qed tuza d-diskrezzjoni taghha u kif ukoll il-poter lilha moghti bil-ligi u bl-Avviz Legali msemmi u tordna illi ghandu jinstema' s-smigh tal-kawza u ghalhekk ser tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni.

**GHALDAQSTANT**, fid-dawl ta' dan kollu hawn fuq diskuss u kkunsidrat, il-Qorti qeghda:

a) **Tordna** l-prosegwiment tas-smigh tar-rikors;

b) **Tordna** lir-Registratur tal-Qorti sabiex a spejjes tieghu jinnotifika din i-sentenza lill-Ministru responsabbli mill-Gustizzja, dak responsabbli mis-Sahha Pubblika u dak responsabbli mill-Kummerc, sabiex fid-dawl anke ta' dak hawn fuq dikjarat u kkunsidrat, jaraw hux lok illi jhennu u jikkancellaw l-Avviz Legali 373/2020, anke jekk hemm bzonn, billi jhassru l-effetti tal-40 jum hemmek msemmija.

Bl-ispejjes ta' din l-istanza li tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**